MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1525/2010

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs**

**Patrick John Quigley (ID 15314A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' tlett elef u mitt Ewro u tmienja u sittin centezmu (€3100.68) minghand il-konvenut rapprezentanti import ta hdax il-kambjala skaduti ffirmati u accettati mid-debitur. Minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex jhallas izda baqgha inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-tal-iskadenza sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna il-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u mitt Ewro u tmienja u sittin centezmu (€3100.68) minghand il-konvenut bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament il-konvenut.

**Av. Katja Psaila Savona**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------